# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tad-9 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 901/99 GC**

**Lostinjska Plovida Brodarstvo socjeta estera rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Valfracht Roro Line Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma komplesstiva ta' mija u sebgha u ghoxrin elf sitt mija u disgha u hamsin dollaru amerikan (US$127,659) liema somma tirraprezenta "hire" dovut in konnessjoni man-nolegg tal-bastiment m.v. LIPA u dan in segwitu ta' Charterparty datat 8 ta' Settembru, 1993, liema "charter" gie terminat fid-29 ta' Dicembru 1998 (Dok A);

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas lis-socjeta' attrici ghas-somma komplessiva hawn fuq indikat is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi, fil-fehma tas-socjeta' attrici, u kif jidher mill-korrispondenza hawn annessa (Dok B, C u D) dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ghal-hlas tas-socjeta' attrici;

Illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta attrici tipprocedi kontra l-konvenut bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, u ghalhekk ghall-finijiet ta' l-artikolu 167 qieghda tigi pprezentata dikjarazzjoni bil-gurament (markata Dokument "E");

Ghalhekk is-socjeta estera attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal mija u sebgha u ghoxrin elf sitt mija u disgha u hamsin dollaru amerikan (US$127,659) liema somma tirraprezenta "hire" dovut in konnessjoni man-nolegg tal-bastiment m.v. LIPA u dan in segwitu ta' Charterparty datat 8 ta' Settembru 1993, liema "charter" gie terminat fid-29 ta' Dicembru 1998;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie ecepit :-

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li skond ic-Charterparty gja ezistenti bejn il-kontendenti hemm provdut fil-klawsola 23 li:- "Any dispute arising under the Charter to be referred to arbitration in London (or such other place as may be agreed according to Box 24) .... the award of the Arbitrators or the Umpire to be final and binding upon both parties" u fl-additional clauses to the charter party of MV Lipa clause 47 jipprovdi wkoll:- "This charterparty shall be govererned by and construed in accordance with English Law and any dispute arising out of this Charter Party shall be referred to arbitration in London, one arbitrator being appointed by each party in accordance with the Arbitration Acts 1950 and 1975 ...." u s-socjeta' konvenuta gja hadet il-passi mehtiega biex l-arbitragg f'Londra jibda jiehu konjizzjoni tal-vertenza mertu ta' din il-kawza u ghalhekk hu l-kaz li din l-Onorabbli Qorti tissoprassjedi ai termini tal-art. 742 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta' eccippjenti mhux talli m'ghandix taghti l-ammont mitlub fic-citazzjoni, imma sahansitra ghandha tiehu minghand is-socjeta attrici is-somma ta' USD163,993.78c, ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju korrenti ghal sitta u sittin elf, mitejn u seba' u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm66,297.61c0m) bilanc ta' somma akbar import ta' bilanc favorevoli ghas-socjeta' konvenuta fl-account current li kien hemm bejn il-kontendenti in konnessjoni mat-time charter tal-M/V Lipa, skond il-prospett (Dok. B) u dana partikolarment wara li jittiehed kont tal-"over-consumption" ta' fuel waqt l-imsemmi time charter, mertu tac-citazzjoni;

3. Ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur noe., b'riserva ta' kull azzjoni li gja qed tittiehed mill-eccipjenti quddiem l-Arbitragg f'Londra u okkorrendo quddiem dawn il-Qrati, jekk l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tigi michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 1999 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li dwar din il-kwestjoni hemm arbitragg pendenti f'Londra u gia gew konkjuzi l-atti bil-miktub f'dan l-arbitragg;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tas-socjeta estera attrici dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2000 minn fejn jirrizulta li din il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta attrici dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tas-socjeta konvenuta;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta rigwardanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni da parti ta' din il-qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza;

Din il-kawza tittratta dwar "charterparty" li sar fit-8 ta' Settembru 1993 bejn il-partijiet relattiv ghall-bastiment M.V. Lipa. Is-socjeta estera attrici qed tippretendi li hemm xi hlasijiet dovuti lilha a bazi tal-istess "charterparty";

Jirrizulta li l-partijiet ftehemu, fl-artikolu 23, li kull vertenza dwar dan ic-"charterparty" ghandha tigi riferita lill-arbitru gewwa Londra. In effett jirrizulta li l-partijiet irreferew din il-vertenza quddiem arbitru u jidher ukoll li dawn il-proceduri tal-arbitragg qeghdin fi stadju inoltratt;

In vista ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 742(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz jidher li hu opportun li din il-Qorti tissoprasjedi sakhemm jigi deciz l-imsemmi arbitragg. Din il-kawza ghandha tigi differita sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali ta' wahda mill-partijiet u dana sa zmien xahar minn meta jigi finalment deciz l-imsemmi arbitragg;

Din is-sopprasessjoni in effett tfisser li l-kwestjonijiet kolha sollevati mill-konvenuti fin-nota responsiva taghhom ser jibqghu inpregudikat u jistghu semmai jigu decizi fi stadju ulterjuri. Lanqas ma jista jigi esklux b'mod kategoriku, minn issa, li din il-Qorti mhux ser jkollha eventwalment tiehu certi provedimenti u decizjoni;

Il-kwestjoni jekk is-socjeta attrici kinitx taf, qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, li s-socjeta konvenuta riedet tikkontesta dawn il-pretensjonijiet, hi f'dan l-istadju irrilevanti. Din il-kwestjoni tista semmai tkun rilevanti fi stadju ulterjuri, possibliment ghal finijiet tal-kap tal-ispejjez;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tordna s-soprasessjoni u tiddifferixxi l-kawza "sine die" riappuntabbli anke fuq talba verbali ta' wahda mill-partijiet u dana sa zmien xahar minn meta jigi finalment deciz l-arbitragg in kwestjoni.